**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta` Jannar 2018**

**Kawza Nru. 10**
**Rikors Nru. 278/17 JZM**

**Fl-atti tal-ftuh ta` Konkors ta` Kredituri skont Digriet ta` Din l-Onorabbli Qorti tat-28 ta` Marzu 2017 fuq ic-Cedola ta` Depositu numru 1988/2016 fl-ismijiet :-**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**William Caruana, K.I. numru 309942(M), Direttur ta` kumpanija, iben il-mejjet Aurelio u Antoinette nee` Borg Conti, imwieled Hamrun u residenti San Giljan**

**Id-decizjoni tal-lum tittratta l-unika kwistjoni li ghadha pendenti f`dan il-procediment ossija kif se jkun regolat bejn il-kredituri konkorrenti l-kap tal-ispejjez tal-konkors li kien istitwit ghas-somma ta` €18,305.20 wara bejgh in subbasta ta` beni tad-debitur William Caruana, liema ammont ta` €18,305.20 kien zbankat fil-mori tal-procediment mill-**

**kreditur konkorrent Bank of Valletta plc bil-kunsens tal-kreditur konkorrent l-iehor Kummissarju tat-Taxxi.**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat l-atti ta` dan il-procediment.

Rat l-atti tas-subbasta 65/2009.

## II. Kronologija

Sabiex tkun tista` tasal ghal decizjoni dwar il-kap ta` l-ispejjez, il-Qorti sejra telenka kronologikament dak li sehh fis-Subbasta 65/2009 u sejra tirreferi ghall-fatti li wasslu ghall-izbank ta` c-cedola ta` depozitu fl-ammont ta` EUR 18,305.20c fil-kors tal-procediment tal-lum.

Fit-3 ta` Frar 2011, l-appartament nru 7, illum diviz f`erba` *studio apartments* formanti parti mill-blokk 4 bl-isem "Church Square", Triq Lapsi, San Giljan, kien liberat favur ta` Bank of Valletta plc ghall-prezz ta` EUR 90,000 *animo compensandi* (ara fol 173 tal-Ewwel Volum ta` l-Atti tas-Subbasta 65/2009).

Fid-9 ta` Frar 2011, Bank of Valletta plc ipprezentat cedola ta` kompensazzjoni bin-numru 189/2011 fl-atti ta` din is-subbasta (fol 306 sa 307 ta` l-Ewwel Volum ta` l-Atti tas-Subbasta 65/2009) fejn iddikjarat li kienet qeghda tikkumpensa l-ammont minnha offert ta` EUR 90,000 mas-somma ekwivalenti ghall-kreditu dovut rizultanti mill-atti tas-subbasta, u dan akkont tad-debitu li William Caruana kellu maghha.

Kontestwalment ma` din ic-cedola ta` kompensazzjoni, Bank of Valletta plc ipprezentat rikors ta` kompensazzjoni fejn talbet li c-cedola ta` kompensazzjoni pprezentata tigi approvata (fol 331 tat-Tieni Volum ta` l-Atti tas-Subbasta 65/2009).

Ir-rikors kien segwit minn digriet ta` din il-Qorti diversament ippreseduta tal-14 ta` Frar 2011 fejn *inter alia* kien ordnat li r-rikors ikun ippubblikat fil-Gazzeta tal-Gvern u li ssir notifika tar-rikors lid-debitur u lill-kredituri kollha maghrufa skont l-Art 338(1) tal-Kap 12, liema kredituri u debitur jkollhom ghoxrin (20) jum biex jipprezentaw risposta (ara fol 461 tat-Tieni Volum ta` l-Atti tas-Subbasta 65/2009).

Saru l-pubblikazzjonijiet u n-notifiki li kienu ordnati, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ipprezenta risposta fit-2 ta` Marzu 2011 fejn iddikjara li huwa kreditur ta` William Caruana fl-ammont ta` EUR 142,581.64c ghal taxxa fuq il-valur mizjud, taxxa stmata, penali u interessi sal-4 ta` April 2006, oltre imghax ulterjuri u penali relattivi. Skond il-Kummissarju, is-somma tirrizulta minn titolu ezekuttiv wara avviz notifikat u talba ghall-hlas li saret b`ittra ufficjali tas-26 ta` April 2006 fl-ismijiet *Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs 1. Pyramid Hotels Ltd, 2. Carmel Camilleri, 3. William Caruana, 4. Edward Ellul.* Sostna li d-dejn ghandu jithallas bi preferenza fuq kull dejn iehor privileggjat b`eccezzjoni ta` dak id-dejn li jkun kopert permezz ta` privilegg generali u dak id-dejn li ghalih jipprovdi l-Art 2009(a) u (b) tal-Kap 16. Ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud oppona t-talba ta` Bank of Valletta plc ghall-approvazzjoni tac-cedola ta` kompensazzjoni fuq riferita. (fol 476 tat-Tieni Volum ta` l-Atti tas-Subbasta 65/2009).

Fit-8 ta` Marzu 2011, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ipprezenta risposta (a fol 478 u 479 tat-Tieni Volum ta` l-Atti tas-Subbasta 65/2009) fejn iddikjara li huwa kreditur ta` William Caruana fl-ammont ta` EUR 351,853.80c ghal taxxa fuq il-valur mizjud, taxxa stmata, penali u interessi sal-15 ta` Settembru 2002, oltre imghax ulterjuri u l-penali relattivi. Skont il-Kummissarju is-somma tirrizulta minn titolu ezekutiv wara avviz notifikat u talba ghall-hlas li saret b`ittra ufficjali tas-26 ta` Novembru 2002 fl-ismijiet ekuttiv konsistenti f`avviz notifikat u segwit b`talba ghall-hlas maghmula permezz ta` ittra ufficjali pprezentata fis-26 ta` Novembru 2002 fl-ismijiet *Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs Carmel Camilleri, William Caruana, Edward Ellul f`isimhom personali u bhala diretturi tas-socjeta` Lapsi Holdings Ltd.* Sostna li d-dejn ghandu jithallas bi preferenza fuq kull dejn iehor privileggjat b`eccezzjoni ta` dak id-dejn li jkun kopert permezz ta` privilegg generali u dak id-dejn li ghalih jipprovdi l-Art 2009(a) u (b) tal-Kap 16. Ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud oppona t-talba ta` Bank of Valletta plc ghall-approvazzjoni tac-cedola ta` kompensazzjoni fuq riferita.

Din il-Qorti diversament ippresduta b`digriet taghha ta` l-20 ta` Dicembru 2011 ordnat fost ohrajn li Bank of Valletta plc jiddikjara permezz ta` nota jekk huwiex behsiebu jinsisti bit-talba ghall-approvazzjoni tac-cedola ta` kompensazzjoni. (ara fol 481 tat-Tieni Volum ta` l-Atti tas-Subbasta 65/2009).

Bank of Valletta plc ipprezenta replika fis-17 ta` Jannar 2012 fejn bhala segwitu ghad-digriet ta` l-20 ta` Dicembru 2011 issottometta li qabel jiddeciedi jekk kienx ser jinsisti fuq it-talba dwar ic-cedola ta` kompensazzjoni, ikun opportun jekk il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jelenka b`mod dettaljat kif jippretendi li saret dovuta lilu s-somma minnu reklamata, inkluz li jelenka liema parti mis-somma reklamata hija taxxa pura, in-natura ta` l-istess taxxa, liema parti hija nteressi u liema parti hija penali. Talab ukoll li jigi ezebiti d-dokumenti relattivi sabiex il-bank ikun jista` jirregola ruhhu. (fol 482 u 483 tat-Tieni Volum ta` l-Atti tas-Subbasta 65/2009).

Fis-17 ta` Frar 2012, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ipprezenta kontro-replika ipprezentata fl-atti tar-rikors ta` kompensazzjoni u tac-cedola ta` kompensazzjoni (fol 486 et seq tat-Tieni Volum ta` l-Atti tas-Subbasta 65/2009) fejn kkonferma li s-somma reklamata minnu hija dovuta bis-sahha ta` titolu ezekuttiv tas-26 ta` Novembru 2002. Kienu esebiti ukoll prospetti tat-taxxa dovuta bhala CET u VAT, penali u interessi fl-ammont ta` EUR 17,374.02c (CET) u EUR 392,799.41c (VAT).

Fl-24 ta` Frar 2012, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ipprezenta kontro-replika fl-atti tar-rikors ta` kompensazzjoni u tac-cedola ta` kompensazzjoni (ara fol 522 et seq tat-Tieni Volum ta` l-Atti tas-Subbasta 65/2009) fejn kkonferma li s-somma reklamata minnu hija dovuta bis-sahha ta` titoli ezekuttivi mahruga fl-20 ta` April 2005, fit-28 ta` Gunju 2005 u fis-6 ta` Novembru 2006. Kienu ezebiti ukoll prospetti tal-ammonti dovuti fir-rigward ta` taxxa, kontribuzzjonijiet socjali, taxxa addizzjonali u kontribuzzjoni addizzjonali fl-ammont ta` EUR 285,974.84c.

Inghata digriet minn din il-Qorti diversament ippreseduta (ara fol 555 tat-Tieni Volum ta` l-Atti tas-Subbasta bin-numru 65/2009) fejn, wara li rat ir-replika u d-dokumenti ezebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ordnat lil Bank of Valletta plc biex iwiegeb fi zmien 15-il jum min-notifika.

Fil-5 ta` Dicembru 2016, Bank of Valletta plc ipprezenta rikors fl-atti tas-subbasta 65/2009 u fl-atti tac-cedola ta` kompensazzjoni numru 183/2011.

Wara li din il-Qorti kif presjeduta ghamlet l-accertamenti taghha sabet illi n-numru korrett tac-cedola ta` kompensazzjoni huwa 189/2011 (mhux 183/2011).

Fir-rikors Bank of Valletta plc irrefera ghar-rikors tad-9 ta` Frar 2011 fejn kien talab li tigi approvata ghall-kompensazzjoni s-somma ta` EUR 90,000. Wara li ha konjizzjoni tal-atti, il-bank iddikjara li kien ser jirriduci it-talba ghall-kompensazzjoni ghas-somma ta` EUR 18,305.20c rapprezentanti spejjez gudizzjarji dovuti sabiex saret is-subbasta. Ghalhekk, il-bank talab sabiex tigi approvata c-cedola ta` kompensazzjoni pprezentata fid-9 ta` Frar 2011 limitatament ghall-ammont ta` EUR 18,305.20c b`riserva ghad-dritt li tikkonkorri ghall-bilanc ta` EUR 71,694.80c fi stadju ulterjuri (ara fol 663 tat-Tieni Volum ta` l-Atti tas-Subbasta 65/2009).

Kontestwalment Bank of Valletta plc ipprezenta cedola ta` depozitu bin-numru 1988/2016 ghas-somma ta` EUR 71,694.80c (ara fol 672 et seq tat-Tieni Volum tal-Ati tas-Subbasta 65/2009).

Din il-Qorti diversament presjeduta tat digriet fit-12 ta` Dicembru 2016 fejn ordnat in-notifika ta` dan ir-rikors lil kull min ghandu interess bi dritt ta` twegiba. (ara fol 671 tat-Tieni Volum tal-Atti tas-Subbasta 65/2009).

Fid-29 ta` Dicembru 2016, il-Kummissarju tat-Taxxi wiegeb ghar-rikors ta` Bank of Valletta plc tal-5 ta` Dicembru 2016 billi kkonferma li ghandu l-kreditu kontra William Caruana pro et noe ghall-ammont ta` EUR 285,974.84c bhala taxxa, kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali, taxxa addizzjonali u kontribuzzjonjiet addizzjonali, liema ammont huwa privileggjat bil-ligi, u oppona t-talba ta` Bank of Valletta plc sabiex jinqatghu l-ispejjez gudizzjarji. Talab li jsir konkors ta` kredituri u li l-ispejjez eventwali jithallsu wara li jintemm il-konkors. (ara fol 729 tat-Tieni Volum ta` l-Atti tas-Subbasta 65/2009).

Similment fid-29 ta` Dicembru 2016, il-Kummissarju tat-Taxxi (VAT) oppona t-talba ta` Bank of Valletta sabiex f`dak l-istadju jinqatghu l-ispejjez gudizzjarji. Ikkonferma l-kreditu preferenzjali tieghu ghall-ammont ta` EUR 351,853.80 (ara fol 730 u 731 tat-Tieni Volum ta` l-Atti tas-Subbasta 65/2009).

Fis-17 ta` Jannar 2017 Bank of Valletta plc ipprezenta replika fejn *inter alia* rrileva illi fil-kaz illi jkollu jiddepozita l-ispejjez gudizzjarji sabiex eventwalment jerga` jirkuprahom snin twal wara li jispicca l-konkors tal-kredituri, huwa kien ser jitlef l-imghax ghal numru ta` snin fuq l-ammont tal-ispejjez legali. Fil-fatt is-somma ta` EUR 18,305.20c kien debitament intaxxjata u dovuta lill-bank bhala kreditur privileggat fuq l-ispejjez gudizzjarji.

Kien fuq dan l-isfond illi fit-28 ta` Marzu 2017 din il-Qorti kif presjeduta, wara li rat l-Art 339 u l-Art 416 tal-Kap 12, ordnat il-ftuh tal-konkors tal-kredituri. (ara fol 1 tal-process odjern)

Fis-26 ta` April 2017 Bank of Valletta plc ipprezentat risposta fejn *inter alia* rrilevat illi ghax hija kreditrici ta` EUR 18,305.20c bhala spejjez gudizzjarji talbet li tkun ammessa fil-lista ta` l-kredituri ta` William Caruana, li dan il-kreditu taghha jigi ppregradwat, u li tkun awtorizzata tirtira dik is-somma. (fol 3 et seq tal-process odjern).

Fl-4 ta` Mejju 2017, il-Bank of Valletta plc pprezenta rikors li jirrifletti dak li qal fir-risposta ndikata fil-paeragrafu ta` qabel dan (fol 33 et seq tal-process odjern).

Fl-4 ta` Mejju 2017 ukoll, il-bank ipprezenta cedola ta` depozitu 753/2017 fl-ammont ta` EUR 18,305.20c, li kien l-ammont kollu li ghalih kien liberat favur tieghu wiehed mill-immobbli mibjugh bis-subbasta. (ara fol 734 et seq tat-Tieni Volum ta` l-Atti tas-Subbasta 65/2009).

Fl-4 ta` Mejju 2017 ukoll, il-Bank of Valletta pprezenta rikors fl-atti tal-konkors tal-kredituri sabiex dan il-konkors jigi estiz biex japplika wkoll ghall-ammont ta` €18,305.20 depozitat bic-cedola 753/2017 (ara fol 62 et seq tal-process odjern).

Fl-udjenza tat-13 ta` Lulju 2017, il-Kummissarju tat-Taxxi iddikjara li ma kienx qed jopponi li Bank of Valletta plc jizbanka l-ammont ta` EUR 18,305.20 ndikat fic-cedola. Fil-fatt dan l-ammont kien zbankat mill-bank fil-5 ta` Settembru 2017.

Ghalhekk kien jifdal li jkun determinat il-kap tal-ispejjez.

## III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Skont l-Atti tas-Subbasta, jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi dejjem oggezzjona illi Bank of Valletta plc ma jiddepositax l-ammont ta` EUR 18,305.20 u minflok jaghmel offerta b`cedola ta` kompensazzjoni. Ghamel dan ghaliex il-Kummissarju dejjem insista li l-kreditu dovut lill-awtoritajiet fiskali huwa privileggjat li jissupera anke l-ammont ta` EUR 18,305.20c bhala spejjez gudizzjarji.

Jirrizulta wkoll illi wara li l-bank pprezenta cedola ta` depozitu (<u>mhux</u> cedola ta` kompensazzjoni) ghas-somma ta` EUR 18,305.20c, il-Kummissarju ta l-kunsens tieghu sabiex il-bank jizbanka dak l-ammont.

Il-Qorti ma ssib l-ebda spjegazzjoni plawsibbli ghala l-Kummissarju oggezzjona *qabel* u ta l-kunsens tieghu *wara.*

Tajjeb jinghad illi fl-opposizzjoni tieghu, il-Kummissarju kien ghamel enfasi fuq il-fatt illi l-kreditu tieghu huwa privileggjat. Fir-ragjonament tieghu, il-Kummissarju isostni li l-kreditu tieghu kellu jithallas bi preferenza ghal kull dejn iehor hlief ghal dak id-dejn bi privilegg generali jew dejn kopert bl-Art 2009(a) u (b) tal-Kap 16.

L-opposizzjoni tal-Kummissarju hija nkomprensibbli meta tqis illi l-kreditu tal-bank ghall-ammont ta` EUR 18,305.20c, ghax kienu spejjez gudizzjarji, kien igawdi minn privilegg generali skont l-Art 2003(a) tal-Kap 16 u allura kellu jithallas bi preferenza ghal kull dejn iehor.

Huwa minnu li l-bank kien originarjament talab li c-cedola ta` kompensazzjoni tkun fl-ammont intier ta` EUR 90,000, ossija l-ammont li bih kien liberat il-fond, izda fil-5 ta` Dicembru 2016, illimita ruhu ghal cedola ta` kompensazzjoni ghal EUR 18,305.20c.

Il-Kummissarju, wara li jaghmel il-verifiki tieghu dwar is-somma ta` EUR 18,305.20c, seta` waqaf mill-oggezzjonijiet tieghu u jaccetta li dik is-somma ma kellhiex ghalfejn tkun depozitata.

Li kieku sar hekk ma kien ikun hemm l-ebda htiega ghal din il-Qorti illi tqis il-kwistjoni ta` l-EUR 18,305.20c.

Jirrizulta b`mod evidenti li kien biss minhabba l-oppozizzjoni nfondata tal-Kummissarju tat-Taxxi li kellu jibda dan il-procediment. Il-Qorti tibqa` tinsisti li waqt l-istess procediment il-Kummissarju ha direzzjoni opposta ghal kollox.

Il-Qorti taghmel taghmel riferenza ghas-sentenza li tat fid-29 ta` April 2014 fil-kawza fl-ismijiet <u>**General Shipping Services Ltd et vs Il-bastiment MV EMMA SOPHIE**</u> (mhux appellata) fejn inghad hekk :-

*"Zvelat il-kontenut tar-relazzjoni peritali, iz-zewg konkorrenti rimanenti rrimettew ruhhom ghall-konkluzjonijiet peritali. Dan ifisser li anke General Shipping Services Limited accettat illi kull ammont li kien depozitat bic-cedola ta` depozitu nru 404/2013 kellu jmur biss a favur ta` Commerzbank Aktiengesellschaft, ad eskluzjoni taghha.*

*Li jifdal x`jigi deciz huwa l-kap tal-ispejjez.*

*Il-perit legali ma ghamel l-ebda accenn ghall-kap tal-ispejjez fir-relazzjoni tieghu.*

*Il-Qorti gharblet ukoll ir-relazzjoni peritali anke ghall-fini tal-accertament tal-kap tal-ispejjez.*

***Fuq li qrat, u fuq l-gharbiel li ghamlet, il-Qorti m`ghandhiex l-icken esitazzjoni illi tghid li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment ghandha ggorrhom General Shipping Services Limited wahedha inkluzi l-ispejjez tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali.***

***Il-Qorti trid tghid li kienet General Shipping Services Limited li skattat dan il-procediment bir-rikors taghha tal-21 ta` Marzu 2013. Propju hemm iddikjarat li kienet kreditur tal-bastiment. Ghax tat bidu ghall-procediment, kellhom isiru l-accertamenti kollha tal-kaz. U kwindi kellhom isiru spejjez. Waqt is-smigh tal-kaz, irrizulta bl-aktar mod limpidu li General Shipping Services Limited mhux biss ma gabitx il-prova li kienet kreditur privileggjat izda sahansitra lanqas gabet il-prova li kienet kreditur. Dan huwa konfermat anke mill-posizzjoni li hadet General Shipping Services Limited wara li nhalef ir-rapport peritali. L-assjem ta` dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment ghandha tbatihom General Shipping Services Limited wahedha."***

Din il-Qorti se tkompli ssegwi din il-linja.

L-assjem tal-fatti iwassal lil din l-Qorti sabiex tikkonkludi li l-ispejjez relatati ma` l-ammont ta` EUR 18,305.20c ghandhom jigu sopportati biss mill-Kummissarju tat-Taxxi.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-procediment billi tordna illi l-ispejjez kollha relatati mal-izbank tas-somma ta` tmintax-il elf tliet mija u hames Ewro ghoxrin centezmu (EUR 18,305.20c), li kienet zbankata fil-mori ta` dan il-procediment minn Bank of Valletta plc bil-kunsens tal;-Kummissarju tat-Taxxi, ghandhom jigu sopportati interament mill-Kummissarju tat-Taxxi. Din id-decizjoni tikkonkludi l-konkors fl-ismijiet premessi.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**